L-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA

Deċiżjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea li tikkonferma li l-valutazzjonijiet tal-kreditu mhux mitluba ta' ċerti ECAIs ma jvarjawx fil-kwalità mill-valutazzjonijiet tal-kreditu mitluba minnhom

(2016/C 266/05)

IL-BORD TAS-SUPERVIŻURI TAL-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE [1] (ir-"Regolament" u l-"EBA"),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 [2] (is-"CRR"),

Billi:

(1) L-Artikolu 138 CRR jippermetti l-użu ta' valutazzjonijiet tal-kreditu mhux mitluba ta' Istituzzjoni Esterna tal-Valutazzjoni tal-Kreditu ("ECAI") għad-determinazzjoni tal-piżijiet tar-riskju li jridu jiġu assenjati għall-assi u entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali għall-iskop tal-kalkoli tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, soġġetti għall-konferma mill-EBA li valutazzjonijiet tal-kreditu mhux mitluba ta' dik l-ECAI ma jvarjawx fil-kwalità mill-valutazzjonijiet tal-kreditu mitluba ta' dik l-istess ECAI. Skont l-istess Artikolu, l-EBA teħtieġ li tirrifjuta jew tirrevoka din il-konferma b'mod partikolari jekk l-ECAI użat valutazzjoni tal-kreditu mhux mitluba biex tagħmel pressjoni fuq l-entità klassifikata biex tordna valutazzjoni tal-kreditu jew servizzi oħrajn.

(2) Skont il-punt (98) tal-Artikolu 4(1) CRR, l-"ECAI" tirreferi għall-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li hija rreġistrata jew iċċertifikata skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] (ir-"Regolament tas-CRA") jew bank ċentrali li joħroġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu li huma eżentati mill-applikazzjoni tar-Regolament tas-CRA. Bħala riżultat, din id-Deċiżjoni għandha tkopri l-klassifikazzjonijiet ta' dawk l-ECAIs kollha, bl-eċċezzjoni ta' dawk li, f'dan l-istadju, ma jassenjawx klassifikazzjonijiet mhux mitluba. Barra minn hekk, minħabba l-interkonnessjonijiet mal-immappjar ta' valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI skont l-Artikolu 136(1) CRR, din id-Deċiżjoni għandha tkopri l-klassifikazzjonijiet ta' dawk l-ECAIs kollha għal liema ġie assenjat immappjar. Id-Deċiżjoni għandha tkopri wkoll dawk l-ECAIs li jipprovdu biss klassifikazzjonijiet mhux mitluba bil-ħsieb li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-premessa 98 tas-CRR, li jirreletaw mal-ftuħ tas-suq għal impriżi oħrajn, filwaqt li fl-istess ħin jinżammu proċessi u rekwiżiti rigoruż għall-ECAIs kollha.

(3) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament tas-CRA jippermetti l-użu tal-valutazzjonijiet tal-kreditu għad-determinazzjoni tal-ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju kif speċifikat fl-Artikolu 113(1) tas-CRR, sakemm dawn jissodisfaw id-definizzjoni ta' "klassifikazzjoni tal-kreditu" tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament tas-CRA. Għalhekk, huma biss dawk il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu mhux mitluba li huma konformi mad-definizzjoni ta' klassifikazzjoni tal-kreditu skont ir-Regolament tas-CRR u s-CRA li għandhom jiġu koperti minn din id-Deċiżjoni.

(4) B'konformità mal-metodoloġija użata għall-immappjar tal-valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI għal passi ta' kwalità tal-kreditu [4], kemm il-kriterji kif ukoll il-fatturi kwantitattivi u kwalitattivi għandhom jintużaw fil-valutazzjoni li hija inkluża f'din id-Deċiżjoni. Billi, bis-saħħa tal-Artikolu 11 tar-Regolament tas-CRA, l-aġenziji

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.
[2] ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.
[3] Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).
[4] L-abbozz finali tal-ITS dwar l-immappjar tal-valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI skont l-Artikolu 136 tas-CRR u disponibbli fuq: http://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/external-credit-assessment-institutions-ecai/draft-implementing-technical-standards-on-the-mapping-of-ecais-credit-assessments

tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jeħtieġu li jissottomettu data li tikkonċerna l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tagħhom lis-CEREP, repożitorju ċentrali ġestit u ssorveljat mill-ESMA, huwa xieraq li tintuża l-informazzjoni disponibbli fil-bażi ta' data tas-CEREP bħala l-unika bażi għall-analiżi kwantitattiva, peress li tiżgura t-trattament u l-affidabbiltà komuni tal-informazzjoni pproċessata. Madankollu, għal dawk l-ECAIs li mhumiex koperti mir-Regolament tas-CRA, li ma jissottomettux data lis-CEREP, għandha tintuża data esterna fir-rigward tal-valutazzjoni kwantitattiva tal-klassifikazzjonijiet mhux mitluba ta' dawk l-ECAIs. Fir-rigward tad-data għall-appoġġ tal-analiżi kwalitattiva, huwa meħtieġ li tali informazzjoni rilevanti tintalab mill-ECAIs rilevanti kollha kkunsidrati skont din id-Deċiżjoni.

(5) L-ECAIs qegħdin jikklassifikaw klassifikazzjonijiet tal-kreditu mhux mitluba skont definizzjonijiet differenti. Dan huwa rifless fis-sottomissjoni ta' informazzjoni mill-ECAIs kemm lill-EBA kif ukoll lill-bażi ta' data tas-CEREP tal-ESMA. B'rispons għal dawn id-diverġenzi fil-prattiki fost l-ECAIs, l-ESMA ħarġet "Q&A" ([1]) dwar id-definizzjoni ta' klassifikazzjoni mhux mitluba, filwaqt li stabbiliet il-fehmiet tagħha dwar dan, li għall-konsistenza, għandha tintuża wkoll għall-iskopijiet tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 138 tas-CRR. Madankollu, billi l-eżerċizzju tal-valutazzjoni beda qabel bħala żmien, u kien wieħed mill-kawżi għall-Q&A, huwa xieraq għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni li jiġu vvalutati l-klassifikazzjonijiet, filwaqt li titqies il-klassifikazzjoni tagħhom kif assenjat minn kull ECAI qabel il-pubblikazzjoni tal-Q&A (jiġifieri s-16 ta' Diċembru 2015), peress li dan jippermetti li titqies l-informazzjoni storika dwar il-klassifikazzjonijiet mhux mitluba, u biex tintuża l-unika data kwantitattiva disponibbli għal tali klassifikazzjonijiet, kif ipprovdut fil-bażi ta' data tas-CEREP. Barra minn hekk, dan jgħin sabiex jiġi evitat dewmien żejjed tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-impatt li l-Q&A għandhom fuq kif l-ECAIs jikklassifikaw il-klassifikazzjonijiet mhux mitluba tagħhom, il-politiki tagħhom, u dwar kif dawn il-klassifikazzjonijiet jintużaw mill-istituzzjonijiet għall-finijiet regolatorji. Madankollu, abbażi tal-aġġornamenti mill-ESMA fir-rigward tal-progress bl-adozzjoni mill-ECAIs tad-definizzjoni ta' klassifikazzjoni mhux mitluba kif speċifikat aktar fil-Q&A, l-EBA ser tivvaluta jekk għandhiex tittieħed aktar azzjoni fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Fir-rigward tal-valutazzjoni kwantitattiva, għandha ssir analiżi magħżula għal kull ECAI fejn numru suffiċjenti ta' punti jkunu disponibbli: "distribuzzjoni ex-ante", li jkollha l-għan li tanalizza d-distribuzzjonijiet tal-klassifikazzjonijiet mitluba u mhux mitluba; "dinamika ex-ante", li jkollha l-għan li tanalizza l-evoluzzjoni tal-ħin ta' klassifikazzjonijiet mitluba (mhux mitluba) li kienu assenjati qabel fuq bażi mhux mitluba (mitluba); u "analiżi ex-post" li jkollha l-għan li tanalizza d-differenzi possibbli fl-eżattezza bejn klassifikazzjonijiet mitluba u mhux mitluba. Skont l-analiżi kwantitattiva li għandha titwettaq, jista' jkun xieraq li jiġu identifikati sottogruppi omoġenji ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu sabiex jippermettu paragun tal-karatteristiċi u l-aġir relattivi ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu mitluba kontra dawk mhux mitluba, b'tali mod li jiġu evitati konklużjonijiet ikkawżati minn fatturi esterni. F'każijiet fejn l-analiżi kwantitattivi magħżula biss jew l-ebda analiżi kwantitattiva ma tista' titwettaq minħabba n-nuqqas tad-data, huwa xieraq li f'dan l-istadju, xorta waħda jitqiesu l-kriterji kwalitattivi għall-finijiet tal-valutazzjoni. F'dawn il-każijiet, kwalunkwe thassib prudenzjali fir-rigward tal-kwalità ta' klassifikazzjonijiet mhux mitluba huwa mistenni li jiġi mitigat matul it-twettiq tal-immappjar meħtieġ skont l-Artikolu 136(1) tas-CRR, peress li dan l-immappjar huwa mfassal biex jirrifletti l-kwistjonijiet dwar il-kwalità tal-klassifikazzjonijiet potenzjali.

(7) Fir-rigward tal-analiżi kwalitattiva, u bil-ħsieb li jinftiehem jekk l-ECAI tipproduċix klassifikazzjonijiet mhux mitluba li huma tal-istess kwalità bħall-klassifikazzjonijiet mitluba minnha, huwa xieraq li jitqies is-sett ta' kriterji u fatturi li ġej: id-differenzi fil-politiki fir-rigward tal-assenjament u r-reviżjoni tal-klassifikazzjonijiet mitluba u mhux mitluba; id-differenzi fil-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni għall-klassifikazzjonijiet mitluba u mhux mitluba; id-disponibbiltà tad-data għal klassifikazzjonijiet mhux mitluba inkluż l-aktar restrizzjonijiet komuni ta' informazzjoni li ltaqgħu magħhom matul l-assenjament tal-klassifikazzjonijiet mhux mitluba, kif ukoll l-azzjonijiet meħuda mill-ECAI f'każ ta' disponibbiltà limitata ta' data. Barra minn hekk, għandu jitqies jekk l-ECAI tużax miżuri biex jiġi evitat l-użu ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu mhux mitluba biex issir pressjoni fuq l-entità klassifikata biex tordna valutazzjoni tal-kreditu jew servizzi oħrajn.

(8) Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 138 tas-CRR, fejn l-EBA ma identifikat l-ebda evidenza, kemm billi tagħti prova li hemm differenza fil-kwalità bejn valutazzjonijiet tal-kreditu mitluba u mhux mitluba tal-ECAI, jew li l-ECAI użat valutazzjoni tal-kreditu mhux mitluba biex tagħmel pressjoni fuq l-entità klassifikata biex tordna klassifikazzjoni tal-kreditu jew servizzi oħrajn, il-valutazzjonijiet tal-kreditu mhux mitluba ta' dik l-ECAI ma għandhomx jitwaqqfu milli jintużaw għall-finijiet tal-kalkoli tal-kapital minn istituzzjonijiet f'dan l-istadju. Kif xieraq, wara l-monitoraġġ kontinwu tal-prestazzjoni ta' klassifikazzjonijiet mhux mitluba, għandhom jinħarġu aktar Deċiżjonijiet.

([1]) https://www.esma.europa.eu/file/13634/download?token=05de9eN_

(9) Matul l-applikazzjoni tal-metodoloġija deskritta hawn fuq, l-EBA ma identifikatx xi evidenza ta' differenza fil-kwalità ta' dawk il-klassifikazzjonijiet mitluba u mhux mitluba tal-ECAI jew ta' xi pressjoni eżerċitata fuq l-entitajiet ikklassifikati biex jordnaw valutazzjoni tal-kreditu jew servizzi oħrajn. Għalhekk huwa xieraq li jiġi kkonfermat li l-kwalita ta' dawn il-valutazzjonijiet tal-kreditu mhux mitluba tal-ECAI ma tvarjax mill-valutazzjonijiet tal-kreditu mitluba minnhom.

(10) L-ECAIs kkonċernati ġew infurmati bl-intenzjoni tal-EBA li tadotta din id-deċiżjoni u jingħataw l-opportunità biex jesprimu l-fehimiet tagħhom dwar dan.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-EBA tikkonferma li l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-kreditu mhux mitluba tal-ECAIs stabbiliti fl-Anness ma tvarjax mill-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-kreditu mitluba ta' dawk l-ECAIs.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul f'Londra, is-17 ta' Mejju 2016.

Andrea ENRIA

President

Għall-Bord tas-Superviżuri

ANNESS

Il-valutazzjonijiet tal-kreditu mhux mitluba tal-Istituzzjonijiet Esterni tal-Valutazzjoni tal-Kreditu (ECAIs) li l-EBA kkonfermat li ma jvarjawx fil-kwalità mill-valutazzjonijiet tal-kreditu mitluba minnhom għall-finijiet tal-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

ARC Ratings SA

Axesor SA

Banque de France

BCRA – Credit Rating Agency AD

Capital Intelligence Ltd

Cerved Rating Agency SpA

CRIF SpA

DBRS Ratings Limited

Euler Hermes Rating GmbH

European Rating Agency, a.s.

EuroRating Sp. z o.o.

FERI EuroRating Services AG

Fitch Ratings

GBB-Rating Gesellschaft fuer Bonitaets-beurteilung GmbH

ICAP Group SA

Japan Credit Rating Agency Ltd

Kroll Bond Rating Agency

Moody's Investors Service

Scope Ratings AG

Spread Research

Standard & Poor's Ratings Services

The Economist Intelligence Unit Ltd